# QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )

BHALA QORTI TA` GUDIKATURKRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Pulizija**

(Spettur Joseph Cordina)

**vs**

**Mario Difesa**

Illum 04 ta' Settembru 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Difesa ta' 47 sena, bin Joseph u Mary nee' Farrugia, imwieled valletta fid-19 ta' April 1995, residenti fl-indirizz: "Caledonia Tower" Fl 13, Triq Qui Si Sana, Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 333055(M).

1. Talli fil-25 ta` Marzu 2002, fil-Belt Valletta, mill-hanut " Two For One" ghamel uzu xjentement , ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi DIESEL li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-

merkanzija , jew bieghh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhal deskrizzjoni kummercjali falza, jew biegh, zamm jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbha, bi ksur ta' l-artiklu 298 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh, jew bi skop ta' kummerc, biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikoli jew hwejjeg u cioe' hwejjeg bil-marka DIESEL, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur ta' persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur ta' l-artiklu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk ghandu jitqies li opera minghajr licenzja tal-pulizija ghat-termini ta' l-Avviz Legali 120 ta' l-1992.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikli 298 (1), 298B tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-avviz legali 120 ta' l-1992. Rat wkoll l-artiklu 17 billi l-ammont ta' merkanzija huwa zghir.

Tikkundanna lil-hati hamsin lira hamsin lira Mlatin (LM50) u tordna li d-dokument esebit jinghata lil-kwerelat.

Billi ma saru l-ebda spejjez ta' perizji ma tiehux konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni a tenur ta' l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Vera Kopja. (ft) Magt. Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

(ft) M.Mifsud

Deputat Registratur